# L-oriġini tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat tal-Imdina

*Ikompli mal-ħarġa tal-2020*

Kitba ta' Joseph Sultana

**Il-Ħames Vara - Ġesù Redentur** - *Min irid isalva, jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja.* Mt 16,24.



*L-istatwa tar-Redentur waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, għandha devozzjoni kbira fir-Rabat*

Din l-istatwa tirrappreżenta lil Kristu mgħobbi bis-salib. Hija vara sabiħa, devota u mirakoluża ħafna. Kienet ġiet maħduma fil-kartapesta, fis-seklu tmintax minn artist mhux magħruf. Fid-9 ta' April 1832 l-Isqof Francesco Saverio Caruana kkonċeda 40 jum indulġenza lil kull min jgħid "Jien nemmen" quddiem din l-istatwa. Din tixhed id-devozzjoni qawwija li kienet diġà teżisti għal ħafna żmien u allura tindika li possibbilment hi vara li ssawret fis-seklu tmintax. Hawn min jattribwiha lil Antonio Mifsud[163]. Fl-1667 din il-vara *Caricato della Croce* kienet diġà tissemma mas-sett l-antik li kienet ilha toħroġ fil-purċissjoni, żgur li f'dawn iż-żminijiet kienet statwa manikin jiġifieri statwa mlibbsa. F'dan id-dokument jissemma kif ir-reffiegħa ġew imħallsa tari u tnax-il grani talli refgħu din l-istatwa. U kif ġew imħallsa skud u tmin tari biex jinxtara drapp biex inlibsu l-istatwa ta' Kristu l-Imgħobbi[164]. Hawnhekk terġa' tissemma f'dokumenti tal-1757 fejn din l-istatwa kellha ħafna ħsarat u għalhekk kellha ssir waħda ġdida[165]. Hawnhekk jien nissuspetta li l-istatwa tar-Redentur li għadha toħroġ sal-ġurnata tal-lum hija din l-istess statwa li saret fl-1757. Dan għaliex fid-dokumenti ma jeżisti mkien li Antonio Mifsud ħadem xi statwa tar-Redentur.



*Ir-Redentur fil-purċissjoni tal-1950, fuq quddiem jidhru l-Iscouts idoqqu l-Last Post*

Bejn l-2008 u 2009 ġejt imqabbat mill-Fratellanza biex nirrestawra din l-istatwa ferm sabiħa. Meta ftaħt partijiet minnha wara li żviluppaw xquq kbar, speċjalment lejn in-nofs ta' din l-istatwa, skoprejt li x-xogħol u l-ħadma tagħha hija ferm differenti minn kif kien jaħdem l-istatwarju Antonio Mifsud. Jiġifieri, li min jattribwiha lil Antonio Mifsud huwa żbaljat. Jista' jkun li f'xi żmien, Mifsud ġie mqabbad biex jirrestawra din il-vara, imma sal-ġurnata tal-lum għadna ma sibniex dokumentazzjoni biex insaħħu din il-fehma. Kienet biċċa xogħol diffikultuża dan għaliex xi tnax-il sena qabel sar intervent fuq din l-istatwa wara li żviluppawlha ħsarat kbar billi kienu jbixxu l-fjuri li kienu jarmaw fil-purċissjoni. F' dak iż-żmien biex tiġi salvata l-istatwa ġiet mogħtija reżina fil-bażi tagħha biex tissaħħaħ, iżda din maż-żmien bdiet tinqata' minn mal-ġibs. Għalhekk neħħejt dik li kienet mqabbda mal-libsa tal-figura biex erġajt applikajt il-ġibs inkullat bħalma kienet oriġinali. Meta kienet irrestawrata aktar qabel minn Michael Agius u Carmelo Azzopardi l-ħsara kif ġa tkellimt aktar qabel kienet estensiva ħafna. Barra l-ħsarat fil-bażi tagħha d-dahar ta' Kristu kien qiegħed jinfaqa' bit-toqol tas-salib. Għalhekk kellu jiċċarrat id-dahar u jiġi rinforzat. Waqt dan ix-xogħol delikat fil-ġewwieni tar-Redentur instabu

żewġ irjus ta' statwi waħda ta' David għax kienet bill-kuruna u l-oħra ta' personaġġ mhux magħruf, f'dak iż-żmien ġie deċiż li dawn jitħallew fejn kienu. l-ispiża tal-materjal f'dan ir-restawr ġie sponsorjat mill-Kav. Joseph Vassallo, fil-waqt ix-xogħol kollu tar-restawr dejjem sar *gratis* minn dawn il-fratelli li semmejna.



Fis-sena 2008 waqt fażi delikata ta' restawr fuq l-istatwa tar-Redentur

Is-salib tar-Redentur għandu finimenti tal-fidda verament sbieħ. Fl-1978 sar bankun ta' din il-vara, miġbur bl-inizjattiva ta' Sapienza Vella u Ġanna Tabone, żewġ konsorelli tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, fuq disinn ta' Karmenu Azzopardi u xogħol ta' Pawlu Muscat it-tnejn fratelli ta' San Ġużepp.

Billi minn dejjem ir-Redentur tar-Rabat kellu devozzjoni kbira, kienu qegħdin jimxu ħafna nies jagħmlu l-wegħdi wara din l-istatwa mirakoluża fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u għalhekk kien qiegħed jikkawża qtugħ kbir f'din il-purċissjoni. Għalhekk ġie deċiż fl-1995 li jibda jsir pellegrinaġġ penitenzjali separat mill-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Imma ġara li f'dik is-sena minħabba l-maltemp, la ħareġ ir-Redentur u lanqas il-vara tad-Duluri, ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira. Għal din ir-raġuni dan il-pellegrinaġġ penitenzjali beda jsir mis-sena ta' wara 1996.

**Xmun minn Cirine - Iċ-Ċirinew** - Xmun iċ-Ċirinew kien ġej lura mill-għalqa maż-żewġ uliedu Xandru u Rufus meta kien imġiegħel mis-suldati jġorr is-salib ta' Ġesù.

**Slaleb tal-Wegħda jew tal-Katina** - Dawn is-slaleb jiġu merfugħa minn nies li jkunu għamlu xi wegħda. X'aktarx ukoll li jirrappreżentaw lill-ilsiera ta' żmien il-Kavallieri. Jistgħu jfissru wkoll it-tliet waqgħat ta' Ġesù fi triqtu lejn il-Kalvarju jew inkella t-tliet ikkundannati.

Użanza ferm antika li l-Fratellanza ta' San Ġużepp kienet l-ewwel li introduċiet din id-devozzjoni penitenzjali, fejn fratelli kienu jakkumpanjaw l-ikkundannat għall-mewt b'wiċċhom mgħotti.



Fil-purċissjoni tar-Rabat din id-drawwa ta' nies jerfgħu s-slaleb bil-ktajjen ma' saqajhom għadha popolari



Dawn it-tliet slaleb tal-wegħda jirrappreżentaw it-tliet waqgħat ta' Ġesù fi triqtu lejn il-Kalvarju

Dan rajnieh aktar qabel mill-pittura tal-1590 ta' Matteo Purbus, ikkonservata fl-Oratorju tal-Arċikonfraternità.

Imma f' dokumenti antiki kkonservati għand il-Fratellanza nsibu li *una usanza pia assai antica in questa processione di Venerdi Santo e che diversi fedeli chi per scioliere qualche voto e chi per pura devozione, si associano a questa processione vestiti del Sacco dell' Arciconfraternità, portando legati ai piedi grosse e pesanti catene di ferro, che trascinano faticosamente indietro per tutto il percorso del Santo Corteo*[166].

Billi r-Rabat kien 'il bogħod mill-baħar jew il-portijiet ma kellux skjavi ta' fuq ix-xwieni, ilsiera, *battuti, condannati o forzati,* u qaddiefa voluntiera sakemm iħallsu djunhom *(buonavoglia)* biex jieħdu sehem fil-purċissjoni billi jerfgħu s-slaleb u bil-ktajjen ma saqajhom bħall-purċissjonijiet oħra, eżempju tal-Birgu, l-Isla, Bormla u l-Belt. Iżda ma ninsewx li fil-belt tal-Imdina kien hemm il-Qorti Muniċipali bil-ħabs tagħha. Għalhekk dawk il-ħabsin li riedu jieħdu sehem u li ma jkunux wettqu xi għadd gravi kien jingħatalhom permess jieħdu sehem fil-purċissjoni billi jkollhom ħadida li tidher

marbuta ma' riġlejhom jew ktajjen tal-jasar jew tal-piena. Dawn billi jilbsu ta' fratelli, xorta waħda kienu jibqgħu ħabsin. Dawk li jkunu nħelsu mill-jasar u riedu jieħdu sehem b'wegħda u b'radd il-ħajr f'dan il-pellegrinaġġ jkarkru l-ktajjen li kienu simbolu tal-jasar tagħhom, kienu jġibulhom dawn il-ktajjen mill-ħabsijiet ċivili[167]. Dawn ma kinux ftit, eżempju ta' dan huwa li fil-purċissjoni tal-1914 b'sens ta' penitenza kien hemm sittin raġel libsin konfratija b'wiċċhom mgħammad u jżommu s-salib, mifruxin mal-purċissjoni kollha[168]. Sintendi, dawn ma kinux kollha ħabsin jew meħlusin mill-jasar iżda kien ikun hemm fratelli li jkunu għamlu xi wegħda.

Illum baqa' ħjiel ta' din it-tradizzjoni antika, billi, nies tal-wegħda għadhom jimxu, jerfgħu s-slaleb u jkarkru ma riġlejhom il-ktajjen.

**Is-sitt Vara - Il-Veronika** - *Għax wiċċu tħassar, sura tiegħu ma kontx tqisha ta' bniedem.* Is 52, 14.

Din l-istatwa tirrappreżenta mara li qed turi fil-velu tagħha l-wiċċ ta' Kristu. Din il-vara hija wkoll parti mill-*Via Crucis* fejn dejjem ġiet deskritta bħala dik il-mara li ressqet tixxotta l-wiċċ imqaddes ta' Ġesù hu u tiela' bis-salib lejn il-Kalvarju, fejn Ġesù ħalla x-xbieha tiegħu fil-velu tagħha.

L-istatwa li naraw illum ġiet maħduma fil-kartapesta fl-1880, mill-istatwarju Senglejan Karlu Darmanin. Din kien ħallas għaliha l-Baruni Giuseppe Depiro Gourgion. Qabel din l-istatwa li naraw illum kien hemm oħra iżjed antika, iżda fl-ebda dokument sa issa ma sibna xi tagħrif fuqha, la meta saret, la min ħadimha u lanqas jekk xi darba sarx intervent ta' restawr fuqha. L-unika kitba li sibna fuq din l-istatwa antika tal-Veronika hija li ġiet distrutta xi 150 sena ilu. Kulma baqa' minn din il-vara hija r-raġġiera tal-fidda verament artistika. Din kienet saret fl-1816 b'wegħda minn Ġużeppi Sapiano benefattur kbir tal-Ġimgħa l-Kbira fejn ħalla xi beni wkoll. F'din il-vara li għandna llum wieħed jinnota dik l-espressjoni ta' ħlewwa liema bħalha. Espressjoni fl-ikonografija li hi unika u oriġinali tal-istatwarju Karlu Darmanin. Oriġinalità oħra ta' Karlu f'din l-istatwa tal-Veronika hi d-drapp li fuqu hemm ix-xbieha tal-wiċċ ta' Kristu li hu parti sħiħa mill-mant, jew velu, milbus mill-Veronika li mir-ras jibqa' nieżel għal fuq l-ispalla u jibqa' sejjer għal fuq l-id ix-xellugija. L-id il-leminija tal-Veronika qiegħda turi l-ikona tal-wiċċ ta' Kristu stampat fuq il-velu[169].

Karlu Darmanin twieled l-Isla fit-30 ta' Awwissu 1825 u għall-ewwel ħadem bħala marmista fin-negozju tal-familja. Iżda mbagħad beda jsawwar statwi tal-kartapesta u spiċċa biex sar l-istatwarju l-aktar magħruf fil-gżejjer Maltin, fama li seħħlu jgawdiha sal-ġurnata tal-lum tant li baqa' magħruf bħala "Il-Prinċep tal-Istatwarji". Sussegwentement, għall-ħabta tal-1885, mar joqgħod il-Ħamrun fejn waqqaf l-istudju tiegħu. Magħruf l-aktar bl-isem ta' Karlozz, Darmanin baqa' msemmi mhux biss għax ipproduċa numru enormi ta' statwi u vari iżda wkoll għall-innovazzjonijiet li introduċa fl-ikonografija tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Darmanin ipproduċa numru kbir ta' anġli u statwi biex bihom jiddekoraw it-toroq fil-festi ta' diversi lokalitajiet. Numru konsiderevoli tal-vari proċessjonali li sawwar għall-Ġimgħa Mqaddsa huma ta' livell artistiku tassew għoli. Darmanin miet il-Ħamrun fis-26 ta' Novembru 1909 u ndifen fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata ta' Raħal Ġdid[170].



*Il-Veronika waqt il-purċissjoni, waħda mil-isbaħ statwi ta' Karlu Darmanin*



*Il-Veronika fil-purċissjoni ta' 1950*

Fil-knisja Ta' Ġieżu nsibu ġo niċċa ħdejn il-bieb prinċipali statwa mill-isbaħ ta' Ġesù Nazzarenu. Vari tal-Ġimgħa l-Kbira li huma propjetà tal-Arċikonfraternità nsibu l-Veronika (1880) il-Madonna tad-Duluri (1880) u l-Vara l-Kbira, (1880) il-Madonna Santissima, Marija Madalena u San Ġwann iżda mhux il-Kurċifiss. L-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp għandha numru konsiderevoli ta' anġli u statwi biex bihom jiddekoraw it-toroq fil-festa prinċipali ta' San Ġużepp minn dan l-istatwarju bravu. Dawn huma sett ta' ħames anġli tabilħaqq artistiċi, ħames statwi oħra li juru personaġġi mill-antik testment, Abram, Iżakk, Ġakobb, Ġużeppi mibjugħ minn ħutu u l-profeta David. Fil-knisja nsibu sett ta' seba' lopop artistiċi li jiġu armati fuq il-linef Venezjani. U sett ta' sitt figuri tassew sbieħ maħduma fl-1897 fil-kartapesta jintramaw fuq l-artal tal-kappella ta' San Ġużepp[171].

Bejn is-sena 2009 u 2010 ġejt imqabbad biex nirrestawra l-vara tal-Veronika. Għalkemm ma kinitx tidher li għandha ħsarat kbar, ġejt iffaċċjat bi problema li fuqha kien hemm kisja ta' reżina li saret biex l-istatwa tiġi protetta mill-ilma li kien jintefa' għall-fjuri. Ma dan kien hemm problema oħra fejn l-istatwa kienet tiġi mnaddfa biż-żejt u l-pitrolju, li b'dan il-metodu saret ħsara kbira liż-żebgħa ta' din l-istatwa. Dan ma jaħti ħadd għalih, ħlief għal nuqqas ta' tagħrif fejn tidħol il-preservazzjoni fix-xogħol tal-kartapesta. Fl-ixkatlar fejn ma kienx hemm reżina skoprejt il-kulur oriġinali li wettaq Karlu Darmanin, għalhekk stajt nerġa noħroġ il-kuluri oriġinal tiegħu. Fl-arti u fir-regola tar-restawr, int obbligat li tkun fidil kemm jista' jkun lejn l-oriġinalità tal-artist li ħadimha. Fejn kien hemm ix-xbieha tal-wiċċ ta' Kristu, dan naddaftu u ffriskajtu biex b'hekk żammejt il-wiċċ oriġinali li kien għamel il-mibki u qatt minsi l-Artist Carmelo Azzopardi. L-ispejjeż kollha ta' dan il-proġett ġew sponsorjati minn Alexander Craus wieħed mir-reffiegħa ta' din l-vara hekk sabiħa.

**Iż-Żewġ Ħallelin** - Dawn huma tnejn minn nies ikkundannati għal mewt u ġew misluba ma' Ġesù. Wieħed minnhom li kien jismu Disma li rebaħ il-Ġenna filwaqt l-ieħor Ġisma indanna. Dawn il-personaġġi saru għall-ewwel darba fl-1974.

**Baċir bid-Dadi** - Simbolu ta' meta s-suldati qasmu l-ħwejjeġ ta' Ġesù. B'hekk seħħet l-iskrittura li tgħid: "Ħwejġi jaqsmu bejniethom; jaqtgħu x-xorti għal-libsa tiegħi."

**Kuruna bix-Xewk u l-Imsiemer** - Ix-xewk ifakkarna fil-kuruna li s-suldati nisġu u poġġew fuq ras ta' Ġesù, filwaqt li l-imsiemer juruna biex Ġesù kien imsammar mas-salib.

**Tabella** - Il-kitba ta' fuq is-salib li kiteb Pilatu kienet fuq parċmina u bi tliet lingwi.

Bil-Lhudi, bil-Grieg u bil-Latin.

**Referenzi**


[163] Grima. p. 162.

[164] Ven. Confraternita del Venerdi Santo Contida diversi procuratori dall' anno 1629 fino l'anno 1720: Conti del Venerdi Santo 1687. "Per li homini che cariggiano li vari". "4 canni di tela per la tunica del Cristo porta croce".

[165] Ven. Confraternita del Venerdi Santo 1757.

[166] Cfr. Ms. Atti ect. nell' Archivio dei Consodali.

[167] Bonniċi. p. 7.

[168] Inventario della Processione di Settimana Santa Notabile 1914. ara lista p. 83.

[169] Stanley Mangion u Christopher Magro. Karlu Darmanin Il-Prinċep tal-Istatwarji Ħajtu u Ħidmietu.

[170] Grima. p. 86.

[171] Mangion u Magro. p.55. 56. 57.


*Ikompli fil-ħarġa li jmiss.*

## *Il-fdalijiet tal-Isqof Mons. Silvestru Magro lura fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù*

Nhar 2 ta' Lulju 2020 ġew trasportati l-fdalijiet tal-mibki u qatt minsi l-Isqof Silvestru C. Magro OFM miċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata għal Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Wara li saret quddiesa konċelebrata mmexxija mir-Rev. Provinċjal Patri Richard Stanley Grech OFM dawn ġew imbierka u midfuna fil-korsija taħt il-presibiterju.




*Il-lapida li tfakkar lill-Isqof Mons Silvestru Magro*